MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 587/2013

Patrick **Grixti**

**-vs-**

**Jason Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur, ippreżentata fis-17 ta’ Ġunju 2013, li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti għamel ir-riċerki fuq il-mejjet Edward Grixti u jirriżulta li kellu diversi testmenti peri l-aħħar testament kien sar it-

tnejn ta' Lulju 2007 meta kellu sebgħa u tmenin (87) sena;

Illi f'dan it-testment il-mejjet Edward Grixti neħħa lill-esponenti mill-wirt li seta' jkollu anke l-leġittima minħabba l-fatt li qal li ma ġablux rispett;

Illi l-esponent huwa t-tifel adottiv tal-mejjet u l-allegazzjoni li ma ġablux rispett hija għal kollox infondata kemm bħala fatt kif ukoll bħala dritt;

Illi *di piu* għal diversi snin ċerta waħda li jisimha Mary Micallef marret tgħix miegħu bit-tifel tagħha li jismu Jason Micallef li mhuwiex wild il-mejjet Edward Grixti;

Illi meta miet Edward Grixti l-esponenti ra l-aħħar testament induna li l-mejjet ħalla kollox lill-iben Mary Micallef u neħħa lill-esponenti mill-wirt anke mill-leġittima;

Illi l-mejjet għandu diversi propjetajiet li jiswew ħafna flu su l-esponenti qiegħed jippretendi dak li huwa tiegħu;

Illi jidher ċar illi din il-mara ossia l-partner tiegħu nfluwenzatu kontra ibnu l-esponenti meta l-esponenti kien jurih rispett anke għall-fatt li kien jgħix fuqu u kien jinvistah regolarment.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti għandha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testment magħmul minn Edward Grixti fit-2 ta' Lulju 2007 permezz tan-Nutar Nicholas Briffa kien null u bla effett u ma jirrapreżentax l-aħħar volonta' tal-istess mejjet minħabba n-nuqqas ta' kapacita' biex huwa jagħmel testament validu u peress li huwa kien fi stat mentali tant debboli li dan it-testment ma jirriflettiex il-volonta' tiegħu;

2. Tillikwida l-assi tal-istess mejjet;

3. Tordna li l-assi hekk likwidati jiġu disposti bħallikieku t-testment tat-2 ta' Lulju 2007 qatt ma sar u okkorrendo taqsam l-assi ereditarji tal-mejjet Edward Grixti f'porzjonijiet skont il-liġi;

4. Tassenja dawn il-porzjonijiet lill-attur;

5. Tinnomina nutar biex jirċievi l-att ta' diviżjoni u taħtar kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-att tad-diviżjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inkluż dak tal-mandat t'inibizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta u li jattendi għas-seduta relattiva u għalhekk huwa kontumaċji skont il-liġi

Rat id-digriet tas-6 ta' Diċembru 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Semgħet l-avukat tal-attur;

Rat in-nota tal-attur ppreżentata fl-14 ta' Frar 2014 li permezz tagħha llimita t-talba tiegħu fis-sens li jiġi assenjat lilu l-appartament 2, St. Mary, Flat 1, Empire Stadium Street, Gżira billi dan jammonta għad-dritt tiegħu għall-porzjoni riservata mill-wirt in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ngħad, l-attur qed jitlob biss li jiġi assenjat, bħala s-sehem tiegħu għal porzjoni riservata tiegħu bħala iben id-decujus, il-fond imsemmi billi dan jammonta proprju għal dik il-porzjoni. Dan huwa sorrett mill-provi li ġab kompriż stima tal-wirt u tal-fond indikat u allura l-Qorti ma ssibx diffikolta li tilqa' t-talba tiegħu għalkemm huwa jkun irid jagħmel tajjeb għall-bilanc ta' elf, ħames mija, ħamsa u disgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmi

(€1,595.84) li hija d-differenza bejn il-valur tal-appartament u sehmu msemmi.

Illi l-konvenut, kif imsemmi, huwa kontumaċji u t-talba tal-attur jistħoqqilha tiġi milqugħa;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi biss billi tassenjalu l-appartament ġja' msemmi 2, St. Mary, Flat 1, Empire Stadium Street, il-Gżira, u għal dan l-iskop tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv li bih huwa jiġi assenjat l-appartament, u l-Avukat Dottor Abigail Critien bħala kuratriċi għall-eventwali kontumaċi; b'dan illi l-attur irid iħallas lill-konvenut is-somma ta' elf, ħames mija, ħamsa u disgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmi (€1,595.84).**

**L-ispejjeż kollha, kompriżi tal-att notarili jkunu a karigu tal-konvenut, għalkemm min-naħa tiegħu l-attur għandu jħallas dawn l-ispejjeż u drittijiet (kompriż dawk tal-kuratriċi proviżorjament).**

**Moqrija.**

< Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------